# Kunsill Lokali Safi,

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn u erbgħin (42) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2009 fis-5:30pm fil-Bini Amministrattiv ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Id-DSE qara l-**minuti tas-seduta preċedenti,** dawn kienu ikkoreġġuti, approvati u ffirmati.

3. Issemma' l-**vandaliżmu**, bit-tkissir ta' ħġieġ tal-fanali tal-ġnien pubbliku fi Triq il-Biedja, kif ukoll l-aġir irresponsabbli minn xi wħud propju fil-ġnien quddiem il-bini amministrattiv tal-KLĦS. Fis-sit ta' l-aħħar, xi adoloxxenti qed jidħlu fih jagħmlu vandaliżmu kemm fuq ix-xtieli, kif ukoll qed iwaddbu t-tub li jinqala wara li dan jingħażaq, għal mal-faċċata tal-bini. Infatti kien hemm suġġeriment tas-Sindku biex il-bċejjeċ tal-ħamrija **jiddawwru b'*fence* tal-*wire*** għoli metru u nofs u jitħalla bieb minn fejn wieħed ikollu aċċess. Is-Sindku qal li dan jiswa' anke għas-sigurta' ta' dawn iż-żgħażagħ stess għaliex fil-jiem li għaddew, illevaw l-għatu ta' kaxxa tad-dawl u qaċċtuh. Peress li ma kienx hemm qbil mill-kunsillieri l-oħra dwar dan is-suġġeriment. għaliex inkella l-post jkun aktar jidher li jixbah lil gallinar inkella fond pubbliku, sar suġġeriment ieħor; li **tiġi nstallata *dome camera*** li titqabbad mal-infrastruttura li diġa' teżisti tal-latrina pubblika. Intant, dwar l-allegati persuni suspettużi quddiem il-bini amministrattiv tal-KLĦS, minkejja li ntqal li għadhom jidhru 'l hawn, se nippruvaw nidentifikawhom lill-Pulizija.

4. It-**trakk l-isfar abbandunat fi Triq in-Nassaba**, li ssemma' fis-seduta preċedenti, jidher li fih ħafna ċitazzjonijiet pendenti. Madankollu, din il-vettura kienet irrappurtata lill-Pulizija permezz ta' korrispondenza li ħarġet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

5. **Il-każ tal-bankina li kienet talbet is-Sinjura Doris Damato,** issa solvejnih. Dan il-każ ingħalaq billi saret ir-rampa tal-*garages* komuni mill-ġdid mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-sinjura, propjetarja tal-fond ikkonfermat mal-kunsillier Jimmy Busuttil li x-xogħol li wettaq il-Kunsill, huwa għas-sodisfazzjon tagħha.

6. Tlesta ir-restawr ta' **l-istatwa u n-niċċa ta' San Ġużepp**. Għaldaqstant ir-restawratur se jkun mitlub jibgħat il-kont lill-KLĦS sabiex dan ikun mgħoddi lill-HSBC għall-ħlas. Dwar l-iskrizzjoni li kienet teżisti taħt din in-niċċa, l-istoriku Pawlu Callus tana l-mudell tagħha u l-annu. Sfortunatament il-kliem li kien hemm fuqha m'għadux dokumentat. Għaldaqstant, qed nittamaw li dan jinstab fl-arkivji tal-knisja parrokkjali. Issemmiet l-intenzjoni tal-KLĦS sabiex isir **restawr fuq in-niċċa tad-Duluri fi Triq San Pawl.** Bħala preparazzjoni għal dan ix-xogħol se nagħmlu komunikazzjoni mas-sid/sidien u eredi li aktarx hemm minnhom li huma msefrin. Intant se nitolbu lir-restawratur jagħtina stima tagħha.

7. Dorianne Zammit ħadet ritratt u stampatu fuq karta A3, u tqassam lill-kunsillieri kollha, tal-**mappa eżistenti li tinsab fi Triq iż-Żurrieq, Ħal Safi,** biex il-Kunsill jiddiskuti id-dettalji li jixtieq li jħalli jidhru fil-ġdida li se ssir ftit taż-żmien ieħor. Infatti il-kunsillieri qalu li hemm diversi items mil-mappa l-antika li jridu jinqatgħu. Kien hemm is-suġġeriment li indaħħlu s-suġġett f'item fl-agenda ta' seduta oħra.

8. Dwar l-**ispezzjoni** li saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru, 2009, mis-Sindku u d-DSE fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Perit Musumeci, ospitati mis-Sur Zahra (MIA) **ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta**, is-Sindku kellu dawn il-kummenti. Minkejja li meta morna kien ilha ma tagħmel ix-xita, **il-ġiebja** kienet diġa' nofsa mimlija bl-ilma. Għalhekk jidher ċar li mhix tlaħħaq mal-volum ta' ilma li qed jinġema' u l-ħofra qed tissiġilla ruħa bin-naqal; għax l-ilma mhux jitlaq fid-dagħbien. Dwar din il-materja ma ttieħded l-ebda deċiżjoni minkejja li qed nistennew x'għandu x'jgħidilna l-Perit Musumeci.

9. Kien hemm waqfa fl-agenda mill-Inġinier Frans Bugeja fis-6:15pm, uffiċjal fi ħdan id-dipartiment ta' l-Ambjent li kien mistieden jattendi għal din il-laqgħa mill-Onor Franco Debono LLD., MP biex jitkellem dwar il-**proġett** propost tas-***solar water heating***, li fil-fatt konna diġa' tkellimna dwarha mal-Onor Debono f'seduta preċedenti. Reġa' ssemma' il-proġett ta' San Lawrenz, Għawdex, u se jsir kuntatt mas-Sindku ta' dan il-villaġġ biex naraw kif kien ipproċeda biex inġabret l-informazzjoni, ħalli nkomplu nsegwi l-passi tagħhom. Din l-informazzjoni hija determinanti biex aktar 'il quddiem wieħed ikun jista' jmur fuq forrnituri lokali (li jridu jkunu approvati mill-Awtorita' Maltija għar-Riżorsi) bl-informazzjoni kollha, ħalli nippruvaw inġibu roħs tajjeb għall-konsumaturi ta' Ħal Safi in vista tal-kontijiet għolja tad-dawl u ta' l-ilma. Jidher li l-iskema li kienet tħabbret bħal-llum sena fil-budget 2009 għadha miftuħa u din tikkonċedi ***rebate* ta' 60% sa massimu €465.87**. Intqal ukoll li nofs il-flus ivvutati, għadhom ma ġewx eżawriti. Kien maqbul illi jintbgħat avviż fid-djar biex naraw min hu nteressat li jissieħeb f'din l-iskema. Dwar il-*pay back period*, intqal li dan hu fuq perjodu ta' ħames snin. Simultanjament Dr Franco Debono insista illi għandna nippromwovu wkoll l-iskema li wkoll kienet inawgurata fil-budget ta' l-2009, dwar dik ta' **xiri tar-roti** ħalli nippromwovu prattiċi ambjentali li wkoll huma tajbin għas-saħħa tal-persuna, kif ukoll ninstallaw il-**pannelli fuq il-bejt tal-**

**Kunsill** peress li bbenefikajna minn skema tal-Gvern Ċentrali u fl-istess ħin nagħmlu promozzjoni biha.

10. Fi tmiem il-laqgħa tagħna mal-Inġinier Bugeja u l-Onor Dr Debono, is-Sindku talab sabiex l-istess avukat, **jintervjeni fil-każ tal-KLĦS dwar il-problema biex jidħlu l-fondi lura fil-Kunsill** li kienu misapproprijati mill-eks Segretarju Eżekuttiv, Jason Cutajar. Pietru Pawl Busuttil qal li Jason Cutajar flimkien ma' l-avukat tiegħu, qed jgħadduna biż-żmien, u għaldaqstant talab il-parir ta' Dr Debono peress li Dr Cherret, l-avukata tal-KLĦS, taħdem fl-uffiċċju tiegħu. Dr Debono issuġġerixxa li fil-każ li n-naħa l-oħra ma żżommx mal-wiegħdi li qed tagħmel, allura jkun hemm bżonn li jsiru mandati fuq il-propjeta' ta' Jason Cutajar. Is-Sinjuri Debono u Bugeja telqu mill-kamra fis-6:50pm.

11. Issemma' ix-xogħol ta' **tindif fi Triq Dun Gwann Zammit**. Hawn intqal illi l-ħaxix ħażin li kien tela' fit-triq inqata' verament, iżda għad fadal it-trab li ma nġabarx. Jidher ukoll li għad fadal xi ħaxix fuq il-bankina li xorta waħda qed jagħti dehra maħmuġa u li jinħtieġ jitneħħa. Issemmew xi plots mhux mibnija li huma mimlija ħaxix ħażin fil-parti tal-*front garden* tagħhom. Hawn se ninfurmaw lis-sidien biex ineħħu l-ħaxix ħażin huma stess biex jottempraw ruħhom mal-liġi.

12. Sitwazzjoni oħra li tkellem fuqha l-Kunsill kienet il-fatt li l-**kollettur ta' l-iskart** għadda bl-iscammel ftit tard aktar mis-soltu f'xi ġranet minn din il-ġimgħa. Dwar il-***bring-in-site,*** intqal illi l-kuntrattur tal-Waste Serv Malta Ltd issa qed inaddaf madwarhom u jieħu l-iskart miegħu u mhux kif kien qed isir qabel, jiġifieri jitħalla fil-boroż suwed fil-post.

13. Dwar l-alarm ta' l-iskola reġa' kien hemm diskussjoni. Jidher ukoll li hemm xi lampa imwaħħla f'dan is-sit li qed tixhel waħidha b'*timer* apposta. Kien suġġerit li jsir **riflettur biex il-kanċell li hu anke id-dħul tal-librerija pubblika, jkun fid-dawl** għal min ikun dieħel biex jibdel il-kotba wara nżul ix-xemx.

14. Sar kuntatt minn Dr Charmaine Cherret fuq it-telefon ċellulari mas-Sindku. Hija qalet li sa dak il-ħin, jiġifieri is-7:10pm, ma kellha **l-ebda risposta mill-Avukat ta' Jason Cutajar dwar il-parti tal-fondi misappropriati** li qed jitlob il-Kunsill biex jidħlu lura fil-kotba tiegħu. Għal dan il-kliem il-kunsillier qalu li jekk se jibqa' jgħaddina biż-żmien għandna nesponuh fl-istampa. L-Onor Dr Debono, aktar kmieni, kien qal illi mandat jiswielna €300 u kawża tiswa madwar €5,000. Intant ittieħdet deċiżjoni illi jekk s'għada ma jkunx għandna c-*cheque* ta' Jason Cutajar, nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru, fil-għodu jsir il-mandat mill-KLĦS.

15. Fil-jiem li għaddew is-Sindku, id-DSE kif ukoll il-kunsillier Jerome Busuttil iltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, fuq stedina tiegħu stess. Wieħed mis-suġġetti li kienu diskussi kien dak ta' l-**ingaġġ ta' SE.** Hawn ħareġ ċar illi trid toħroġ is-sejħa pubblika biex ikun ingaġġat SE ieħor **għal sena fuq bażi *part-time*.** Fil-fatt is-sejħa saret sad-data ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru,

il-ġurnata fejn se tiġi mplimentata ir-riforma tal-Kunsilli Lokali – li fejn jidħol l-impjieg tas-SE, din se tkun differenti għal kollox minn dik li hi llum.

16. Fil-laqgħa li kellu l-KLĦS, mas-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kienu diskussi temi oħrajn fosthom il-permess tal-MEPA fejn tidħol il-***junction*** ta' **Triq San Ġwann ma Triq San Pawl**, l-installazzjoni tal-pannelli fotovoltaiċi fuq l-uffiċċju tal-Kunsill, u l-każ ta' l-eks SE.

17. Dwar il-**bini ta' stekkat** mis-Sur George Cassar li l-KLĦS iltaqa' miegħu ħmistax-il ġurnata ilu, is-Sindku qal li ġurnata wara din il-laqgħa, huwa ċempillu u talbu biex imur fuq il-post. Hawn Pietru Pawl Busuttil urieh li l-ħajt kien ħareġ 'il barra fit-triq madwar tmien piedi u għaldaqstant il-kantuniera irrendiha perikoluża. Dak il-ħin kumbinazzjoni għaddiet persuna li wriet it-tħassib tagħha mas-Sindku li dik il-kantuniera hija kerha biżżejjed biex jista' jseħħ xi aċċident fatali. Dak il-ħin is-Sur Cassar qal li hu lest biex iħallas €2,329 fis-sena. PPB qallu li hu mhux se jtih il-kelma u se jikkonsulta l-offerta tiegħu mal-kunsillieri. Madankollu ftit tal-jiem wara reġa' ċempillu u qallu li se jreġġa' lura l-ħajt fejn kien oriġinalment (mat-tarf tat-tarmac). Il-KLĦS iddeċieda li nagħmlulu ittra bl-avukat u meta jkun se jibni u joħroġ 'l ħajt mill-ġdid il-barra, jkun jinħtieġ li jibda' jħallas bir-rata li tistipula l-liġi.

18. Biex issolviet il-problema tal-ħinijiet tal-MUSEUM taż-Żurrieq li kienu qed jaħbtu ma dawk tat-**taħriġ tat-tfal żrieraq li jattendu in-nursery ta' Ħal Safi**, issa sar ftehim informali mal-*coach* biex dawn jinġabru ftit minuti qabel. Għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa li jiċċaqilqu l-ħinijiet li fil-fatt se jibqgħu dawk li huma.

19. Dwar il-proposta li saritilna biex fid-*Day Centre* isiru **laqgħat għall-anzjani bil-lingwa ngliża**, li minn naħa tagħna għaddejniha lil ko-ordinatur ta' dan iċ-ċentru, dawn sfortunatament urew xettiċiżmu kbir, għaliex probabbli mhux se jkun hemm konkorrenza.

20. Inqrat l-ittra li fiha kien hemm il-proposta mis-Sur Jason Caruana, biex jinżammu sezzjonijiet tas-***shotokan karate*** **fis-sala tal-Kunsill** kull nhar ta' Tlieta bejn is-6:00pm u s-7:30pm, il-kunsillieri qablu illi dan naraw eżatt x'għandu f'rasu. Hawn intqal li jinħtieġ li niltaqgħu miegħu f'laqgħa tal-Kunsill, ħalli nitkellmu miegħu.

21. Għal talba oħra ta' **mużiċisti li xtaqu li jeżerċitaw fiżikament ftit irwieħhom billi jużaw il-pitch sintetiku tal-KLĦS**, li saret mis-Sur Saviour Spiteri, il-kunsillieri qablu li mhix problema minkejja li dawn se jkunu mitluba jħallsu Lm15 għal tliet dati li ntuhom aħna (li ma jaħbtux ma xi data oħra li fih is-soltu jinkera l-pitch) biex inkopru l-ispejjeż tas-Sur Camilleri li se jiftħilhom il-ground.

22. Inqrat l-ittra tal-Assistent Direttur Gvern Lokali Silvio Frendo, fejn fiha ġie mpoġġi l-argument li **ma jinġabarx l-iskart organiku nhar ta' Tlieta u dak in-nhar jinġabar biss dak riċiklabbli.** Hawn intqal illi diversi postijiet bħal ma huma dawk sensittivi fl-inħawi tal-appartamenti ta' l-Aħmar, din is-sistema mhix se taħdem. Inġabu argumenti bħal min għandu ħrieqi x'jarmi li jrid iżommhom għal sigħat sħaħ fil-bin domestiku tiegħu sakemm jgħaddi l-iscammel.

23. Inqalgħu mill-korrispondenza u kienu diskussi l-**applikazzjoni għall-iżvilupp** li saru mal-MEPA bin-**numri 4186/09 u 4392/09,** li kien konfermat li huma żvilupp ta' Penthouse f'Ta' Ġawhar kif ukoll it-twaqqiħ ta' stores mal-kunvent tas-Sorijiet, rispettivament.

24. Kien hemm dibattitu dwar **l-maniġġjar tat-traffiku f'diversi toroq.**

25. Infatti fi **Triq ta' Ġawhar** kien hemm proposta minn ċertu Emanuel Zahra, biex tinqala' s-*sleeping policeman*. Il-kunsillieri fil-fatt ma qablux li jsir dan, għaliex jerġa' jikber l-abbuż ta' sewqan żejjed f'din it-triq.
26. Issemma' wkoll li tneħħa *parking bay* minn xi ħadd mhux magħruf fi **Triq it-Twemmin**. Il-kunsillieri qablu li għaldaqstant għandu jitneħħa *d-double yellow line* minn quddiem il-*garages.* Din il-proposta saret għaliex jidher li kien hemm xi taħrikiet mill-gwardjani lokali biex jinforza dan, biswit il-maħżen tal-Kappillan.

27. Minkejja li l-infurzar hi xi ħaġa pożittiva, ssemmew diversi irregolaritajiet fl-infurzar li hemm l-intenzjoni li jiġu diskussi mal-**gwardjani lokali li se jkunu mistiedna jattendu għal-laqgħa tal-KLĦS**, preferibbilment għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

28. Dwar l-iskrizzjonijiet b'kelmiet li jiddeskrivu l-postijiet u s-siti storiċi, intqal li issa li l-materjal għażilnih, għandna nerġgħu nagħmlu kuntatt mas-Sur Alexis Callus. Il-KLĦS unaniment qabel illi dawn l-iskrizzjonijiet għandhom jitpoġġew fuq l-*plints* magħmula b'*channel* iswed tal-ħadid u għandhom ikunu parzjalment sponsorjati wkoll minn *The Military and Hospitalier Order of St Lazarus of Jerusalem – Malta.* Dan il-proġett huwa pedina mportanti mill-Heritage Trail li qed isir ix-xogħol fuqa.

29. Il-Kunsillieri kienu mħeġġa jagħmlu l-artiklu tagħhom għall-**ħarġa tal-fuljett li jmiss.** Dan minkejja li għad fadal sa nofs ix-xahar ta' Diċembru biex ikun mitbugħ.

30. Se jintalab rapport lill-kumpanija *Sterling Security* dwar it-**taħrikiet li saru permezz tas-CCTV Camera** li hemm imwaħħla fi Triq il-Kuċċard, eżattament fuq il-kontenituri tal-*Bring-in-Site.* Dan biex il-Kunsill jevalwa jekk għandiex titneħħa jew ipoġġiha f'post ieħor.

**31.** Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet*** **numru erba' u tletin (34).**

32. Dwar il-kontijiet tal-**manutenzjoni tad-dwal tat-toroq**, jiġifieri tal-kuntrattur Nexos Street Lighting, il-kunsillier Jerome Busuttil talab aktar informazzjoni dwar kif qed jiġi maħdum il-kont fuq kull lampa in vista li mhux kull ħsara tkun fl-istess tip ta' apparat li jkun hemm installat ma' lampa tat-toroq. Id-DSE qal li ħafna drabi jkun hemm il-lampa innifisha iżda jista' jkun hemm kemm iċ-choke, il-ballast u anke saħansitra l-isolator li jkunu difettużi. Għaldaqstant dan joħloq diskrepanzi fit-tiswija ta' kull lampa individwali li bniedem tekniku bħal contract manager li jagħmel xogħolu sewwa u jiftaħ kull lampa, jista' jidentifikah. Il-contract manager ovvjament jgħolli l-ispejjeż u kważi l-ebda kunsill ma' għandu. Is-Sindku qal li Nexos Street Lighting għandu żewġ ħaddiema li jagħmlu minn kollox biex jaqduk u xi kull tant jagħmlu dak li jkun jidher kważi mpossibbli.

33. Il-**laqgħa ntemmet fl-10:00pm** u l-**KLĦS se jiltaqa'** nhar il-Ħamis, **12 ta' Novembru**, 2009 fil-5:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 12/11/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku